2025/2358

21.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2358

tal-20 ta' Novembru 2025

li jistabbilixxi regoli dwar skemi ta' ċertifikazzjoni, korpi ta' ċertifikazzjoni, u awditi skont ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 11(5), l-Artikolu 12(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġi stabbilit jekk l-assorbimenti tal-karbonju u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija jikkonformawx mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/3012, il-funzjonament korrett u armonizzat tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, tal-korpi ta' ċertifikazzjoni u tal-awditi huwa essenzjali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati, li jwasslu għaċ-ċertezza legali meħtieġa dwar ir-regoli applikabbli għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni, għall-korpi ta' ċertifikazzjoni u għall-awditi.

(2) Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi, ir-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu proporzjonati u limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/3012 tiġi vverifikata b'mod adegwat u armonizzat, u r-riskju ta' frodi jiġi mminimizzat kemm jista' jkun. Għalhekk, ir-regoli ta' implimentazzjoni jenħtieġ li ma jitqisux bħala eżawrjenti iżda pjuttost bħala rekwiżiti minimi li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jikkomplementaw kif xieraq.

(3) Sabiex tiġi promossa informazzjoni komparabbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti mudelli standardizzati għad-dokumenti ta' ċertifikazzjoni ewlenin, inklużi l-pjanijiet ta' attività u monitoraġġ, u r-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

(4) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni robust u trasparenti, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti standards għoljin ta' integrità fir-rigward tal-governanza tal-iskema ta' ċertifikazzjoni, il-konsultazzjoni pubblika obbligatorja mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-monitoraġġ intern, it-trattament tal-ilmenti, u l-ġestjoni tad-dokumentazzjoni, inklużi manwali, politiki interni jew definizzjoni tar-responsabbiltajiet. Jenħtieġ li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jkunu meħtieġa li jkollhom il-kapaċità teknika neċessarja biex jipprovdu pariri tekniċi lill-operaturi dwar l-implimentazzjoni tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni.

(5) Jenħtieġ li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ intern biex jivverifikaw il-konformità tal-operaturi mar-regoli u l-proċeduri tal-iskema u biex jiżguraw ir-robustezza u l-kredibbiltà tax-xogħol ta' ċertifikazzjoni mwettaq mill-korpi ta' ċertifikazzjoni.

(6) Huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' nuqqasijiet ta' konformità: kritiċi, maġġuri u minuri. Kull nuqqas ta' konformità jenħtieġ li jiġi ttrattat b'mod adegwat b'konsegwenzi proporzjonati, inklużi miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet, fejn rilevanti.

(7) L-operaturi għandhom il-possibbiltà li jipparteċipaw fi skema ta' ċertifikazzjoni differenti fi kwalunkwe ħin. Madankollu, huma meħtieġa regoli biex jiġi evitat ir-riskju ta' "qbiż bejn l-iskemi" fejn operatur li ma jkunx għadda minn awditu taħt skema waħda japplika immedjatament għaċ-ċertifikazzjoni taħt skema oħra. Tali regoli jenħtieġ li japplikaw ukoll għal sitwazzjonijiet fejn l-operatur ikun biddel il-personalità ġuridika iżda jibqa' l-istess fis-sustanza, sabiex modifiki minuri jew purament formali, jiġifieri bidliet fl-istruttura ta' governanza jew fl-ambitu tal-attivitajiet, ma jeżentawx lill-operatur b'identità ġdida minn tali regoli.

(8) Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, jenħtieġ li l-informazzjoni ewlenija dwar il-governanza u l-funzjonament tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-siti web tagħhom u, meta jkun stabbilit, fuq ir-reġistru tal-Unjoni.

[1] ĠU L, 2024/3012, 6.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3012/oj.

(9) Sabiex tiġi żgurata ċertifikazzjoni robusta, jenħtieġ li jkun meħtieġ livell raġonevoli ta' assigurazzjoni biex il-korpi ta' ċertifikazzjoni jikkonkludu li l-pjan ta' attività, il-pjan ta' monitoraġġ jew ir-rapport ta' monitoraġġ huma ħielsa minn żbalji materjali u ommissjonijiet jew dikjarazzjonijiet skorretti, wara l-verifika tad-data sottomessa mill-operaturi jew minn gruppi ta' operaturi. L-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jiġu vverifikati bir-reqqa fuq bażi ta' assigurazzjoni raġonevoli qabel ma tkun tista' tibda l-attività. Jenħtieġ li l-awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jitwettqu wkoll f'livell ta' assigurazzjoni raġonevoli.

(10) Il-kultivazzjoni karbonika tipikament titwettaq minn operaturi żgħar li għalihom il-piż amministrattiv u l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti ta' verifika ta' partijiet terzi jistgħu jkunu ostaklu ewlieni għaċ-ċertifikazzjoni. Bil-għan li jiġi ssimplifikat, filwaqt li tibqa' tiġi żgurata verifika robusta ġenerali, l-awditjar ta' grupp jenħtieġ li jkun permess għall-operaturi tal-kultivazzjoni karbonika skont sett ta' regoli armonizzati bbażati fuq ir-riskju. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jitfasslu biex ikunu aċċessibbli u faċli għall-utent għall-operaturi ż-żgħar, filwaqt li jintużaw it-teknoloġiji eżistenti, biex jiġi ssimplifikat il-kontroll tal-konformità.

(11) Il-korpi ta' ċertifikazzjoni huma atturi ewlenin fil-proċess ta' ċertifikazzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jaħtru (jiġifieri, japprovaw) biss il-korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont l-istandards tekniċi rilevanti tal-Unjoni jew rikonoxxuti minn awtorità nazzjonali kompetenti abbażi tar-rekwiżiti komuni minimi ta' kompetenza, biex jiġi żgurat li l-awdituri tal-korp ta' ċertifikazzjoni jkollhom il-ħiliet tekniċi kollha meħtieġa u l-esperjenza fl-awditjar biex iwettqu l-attivitajiet ta' awditjar. Huwa xieraq ukoll li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmonitorjaw, jekk ikun meħtieġ, l-attivitajiet tal-korpi ta' ċertifikazzjoni u jaċċessaw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar iċ-ċertifikazzjoni, inklużi l-awditi taċ-ċertifikazzjoni, taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u tal-monitoraġġ.

(12) Sakemm ir-reġistru tal-Unjoni jiġi stabbilit sal-2028, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li r-reġistri tagħhom jissodisfaw sett ta' rekwiżiti minimi, biex jiġi evitat għadd doppju u biex jiġu ġestiti b'mod effettiv il-każijiet ta' ħruġ mhux korrett jew frawdolenti ta' unitajiet iċċertifikati. Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni bla xkiel lejn ir-reġistru tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' toħroġ linji gwida tekniċi dwar il-funzjonament tar-reġistri taċ-ċertifikazzjoni u r-rabta mar-reġistru tal-Unjoni.

(13) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-proċedura għar-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, li tista' tapplika għar-rikonoxximent skont metodoloġija ta' ċertifikazzjoni waħda jew aktar. Il-proċess ta' rikonoxximent jenħtieġ li jkun ibbażat fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-konformità tal-iskema mar-regoli stabbiliti fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti u f'dan ir-Regolament.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U PJANIJIET TA' ATTIVITÀ U TA' MONITORAĠĠ

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/3012 fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tal-pjan ta' attività u tal-pjan ta' monitoraġġ li għandhom jiġu ppreżentati minn operatur jew minn grupp ta' operaturi lil korp ta' ċertifikazzjoni u tar-rapporti tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni, taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u tal-monitoraġġ li għandhom jinħarġu minn korp ta' ċertifikazzjoni, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(b) l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess meħtieġa għat-tħaddim tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, il-verifika tal-informazzjoni dwar l-awditjar indipendenti u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(c) l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-reġistri taċ-ċertifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni, iż-żamma jew l-użu ta' unitajiet iċċertifikati skont l-Artikolu 12(3), il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(d) l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tal-proċessi ta' rikonoxximent u ta' notifika tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(e) l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/3012.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awditu ta' monitoraġġ" tfisser awditu mwettaq minn korp taċ-ċertifikazzjoni matul il-perjodu ta' monitoraġġ biex jivverifika l-monitoraġġ tal-karbonju maħżun u kwalunkwe treġġigħ lura li seta' seħħ;

(b) "ċertifikat itterminat" tfisser ċertifikat li jkun ġie kkanċellat b'mod volontarju waqt li jkun għadu validu;

(c) "ċertifikat irtirat" tfisser ċertifikat li jkun ġie kkanċellat b'mod permanenti mill-korp ta' ċertifikazzjoni jew mill-iskema ta' ċertifikazzjoni;

(d) "ċertifikat skadut" tfisser ċertifikat li ma jkunx għadu validu;

(e) "awditjar ta' grupp" tfisser proċess li fih l-approċċ għall-attivitajiet ta' awditjar jista' jiġi definit fil-livell tal-grupp;

(f) "nuqqas ta' konformità" tfisser nuqqas ta' operatur jew ta' korp ta' ċertifikazzjoni milli jikkonforma mar-regoli u l-proċeduri, stabbiliti mill-iskema ta' ċertifikazzjoni, li jkunu membri tagħha jew li joperaw taħtha.

Artikolu 3

Pjan ta' attività, pjan ta' monitoraġġ, u rapporti tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni u tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid

1. Il-pjan ta' attività li għandu jiġi ppreżentat minn operatur jew grupp ta' operaturi skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2024/3012 għandu jinkludi l-elementi kif stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-pjan ta' monitoraġġ li għandu jiġi ppreżentat minn operatur jew grupp ta' operaturi skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2024/3012 għandu jinkludi l-elementi kif stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. Ir-rapport tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni u r-rapport tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid li għandhom jinħarġu mill-korp taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2024/3012 għandhom jinkludu l-elementi kif stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

TĦADDIM TAL-ISKEMI TA' ĊERTIFIKAZZJONI, AWDITJAR U KORPI TA' ĊERTIFIKAZZJONI

TAQSIMA 1

Tħaddim tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni

Artikolu 4

Struttura ta' governanza

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu struttura ta' governanza soda li tiżgura li l-iskema jkollha l-kapaċità legali u teknika, l-imparzjalità u l-indipendenza meħtieġa biex twettaq id-dmirijiet tagħha. Tali struttura ta' governanza għandha tinkludi Bord magħmul minn membri indipendenti li jassumu responsabbiltà fiduċjarja għall-organizzazzjoni u joperaw skont proċeduri trasparenti. Skont l-ambitu taċ-ċertifikazzjoni tagħhom, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu kumitat tekniku, jew sistema ekwivalenti ta' appoġġ tekniku minn esperti, li għandu jinkludi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, jekk ikun possibbli, biex jipprovdi pariri lill-maniġment tal-iskema dwar kwistjonijiet tekniċi. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu konsultazzjonijiet trasparenti mal-partijiet ikkonċernati għal kwalunkwe verżjoni ġdida jew aġġornamenti kbar tar-rekwiżiti, il-proċessi u l-linji gwida ġenerali tal-iskema.

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Bħala standard minimu, huma għandhom jinfurzaw sistema ta' kontrokontrolli biex jiżguraw li l-ebda parti kkonċernata individwali, li jkollha dritt akkwiżit fl-eżitu ta' deċiżjoni, ma jkun jista' jkollha influwenza deċiżiva fuq dik id-deċiżjoni. Il-persuni li għandhom kunflitt ta' interess potenzjali għandhom jiġu esklużi mit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa u rekord tal-awditjar biex jidentifikaw u jiddokumentaw każijiet bħal dawn, u għandhom jirrieżaminawhom b'mod regolari bħala parti mis-sistema ta' kontroll intern tagħhom.

Artikolu 5

Monitoraġġ intern, proċedura tal-ilmenti u sistema ta' ġestjoni tad-dokumentazzjoni

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ intern biex jivverifikaw il-konformità tal-operaturi mar-regoli u l-proċeduri applikati mill-iskema u biex jiżguraw il-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-awdituri tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Il-monitoraġġ intern għandu jitwettaq mill-inqas darba fis-sena jew mill-inqas bl-istess frekwenza tal-awditi biex jirrifletti l-ambitu taċ-ċertifikazzjoni tal-iskema, kif ukoll il-livell ta' riskju tal-attivitajiet imwettqa mill-operaturi. Bħala parti mill-monitoraġġ intern, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jirrikjedu li l-korpi ta' ċertifikazzjoni jipprovdulhom ir-rapporti kollha tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni, tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, jew tal-awditu ta' monitoraġġ ("awditu"). Il-monitoraġġ intern għandu jkopri kampjun aleatorju u bbażat fuq ir-riskju ta' dawk ir-rapporti tal-awditu minn kull korp ta' ċertifikazzjoni.

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-preżentazzjoni u t-trattament ta' lmenti kontra operaturi jew korpi ta' ċertifikazzjoni. Dawk il-proċeduri għandhom jippermettu li l-ilmenti jintbagħtu b'mod elettroniku u għandhom jiżguraw il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrapportaw ksur jew iressqu lmenti *in bona fide* f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

3. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom iżommu reġistru tal-ilmenti kollha. Fuq talba mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru fejn ikun tressaq l-ilment, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jipprovdu lil min jagħmel it-talba d-dokumenti kollha relatati ma' lment u t-trattament tiegħu.

4. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżguraw segwitu effettiv tar-riżultati tal-monitoraġġ intern u t-trattament tal-ilmenti u, fejn meħtieġ, japplikaw il-miżuri ta' rimedju u s-sanzjonijiet rilevanti għan-nuqqas ta' konformità mill-operaturi skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 6(1). Fejn ikun meħtieġ, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jieħdu miżuri korrettivi dwar l-istruttura ta' governanza tagħhom jew dwar il-proċess ta' monitoraġġ intern tagħhom.

5. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tad-dokumentazzjoni li tindirizza kull wieħed mill-elementi li ġejjin:

(a) id-dokumenti ġenerali tal-iskema, eż. manwali, politiki, definizzjoni tar-responsabbiltajiet;

(b) is-sistema ta' kontroll intern tad-dokumenti u tar-rekords taċ-ċertifikazzjoni;

(c) ir-rieżami tas-sistema ta' ġestjoni tad-dokumentazzjoni;

(d) l-awditjar u l-monitoraġġ interni;

(e) il-proċeduri għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tan-nuqqasijiet ta' konformità.

6. Id-dokumentazzjoni elenkata fil-paragrafu 5 għandha tinżamm mill-inqas għal 5 snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ.

Artikolu 6

Nuqqasijiet ta' konformità mill-operaturi

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu sistema komprensiva biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' konformità mill-operaturi li jipparteċipaw fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Bħala standard minimu, dik is-sistema għandha tinkludi klassifikazzjoni ċara tan-nuqqasijiet ta' konformità, ibbażata fuq il-grad ta' severità tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5. Għal kull tip ta' nuqqas ta' konformità, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu sett trasparenti ta' regoli u proċeduri biex jiżguraw l-infurzar f'waqtu tal-miżuri ta' rimedju u tas-sanzjonijiet elenkati fl-Artikolu 7.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jikklassifikaw in-nuqqasijiet ta' konformità identifikati matul awditu bħala kritiċi, maġġuri jew minuri.

3. Nuqqas ta' konformità kritiku għandu jikkonsisti fi ksur tar-regoli jew tal-proċeduri tal-iskema ta' ċertifikazzjoni bħal frodi, nuqqas ta' konformità irriversibbli, jew ksur li jipperikola l-integrità tal-iskema ta' ċertifikazzjoni.

In-nuqqasijiet ta' konformità kritiċi għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7 tar-Regolament (UE) 2024/3012 u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament;

(b) dikjarazzjoni skorretta intenzjonata tad-deskrizzjoni tal-attività;

(c) falsifikazzjoni tad-data dwar il-gassijiet serra (GHG, greenhouse gas).

4. Nuqqas ta' konformità maġġuri għandu jikkonsisti fi ksur tar-regoli jew tal-proċeduri tal-iskema ta' ċertifikazzjoni li huwa potenzjalment riversibbli u ripetut u li jiżvela problemi sistematiċi, jew aspetti li waħedhom, jew flimkien ma' nuqqasijiet ta' konformità ulterjuri, jistgħu jirriżultaw f'falliment sistemiku fundamentali.

In-nuqqasijiet ta' konformità maġġuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) problemi sistematiċi bid-data rrapportata dwar il-GHG, bħal dokumentazzjoni mhux korretta identifikata f'aktar minn 10 % tal-affermazzjonijiet inklużi fil-kampjun rappreżentattiv;

(b) l-ommissjoni ta' operatur jew ta' grupp ta' operaturi biex jiddikjaraw il-parteċipazzjoni tagħhom fi skemi oħra ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni;

(c) in-nuqqas li tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti lill-korp taċ-ċertifikazzjoni, bħall-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' awditu.

5. Nuqqas ta' konformità minuri għandu jikkonsisti fi ksur tar-regoli jew tal-proċeduri tal-iskema ta' ċertifikazzjoni li għandu impatt limitat, jikkostitwixxi falliment iżolat jew temporanju, u ma għandux jirriżulta f'falliment sistemiku fundamentali jekk ma jiġix ikkoreġut.

Artikolu 7

Miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet għan-nuqqasijiet ta' konformità

1. Fil-każ ta' nuqqasijiet ta' konformità, il-miżuri ta' rimedju u s-sanzjonijiet kif stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 għandhom japplikaw għall-operaturi jew għall-gruppi ta' operaturi.

2. Fil-każ ta' nuqqasijiet ta' konformità kritiċi, l-operaturi li japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni ma għandux jinħarġilhom ċertifikat.

3. L-operaturi li ma jkunx inħarġilhom ċertifikat f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jerġgħu japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni wara perjodu ta' żmien fiss, iddeterminat mill-iskema ta' ċertifikazzjoni skont il-karatteristiċi tal-attività.

4. In-nuqqasijiet ta' konformità kritiċi identifikati matul l-awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew l-awditi ta' monitoraġġ, jew permezz ta' proċess ta' monitoraġġ intern jew ta' lmenti ta' skema ta' ċertifikazzjoni, għandhom iwasslu għall-irtirar immedjat taċ-ċertifikat u l-ebda ħruġ ulterjuri ta' unitajiet iċċertifikati.

5. Fil-każ ta' nuqqasijiet ta' konformità maġġuri, l-operaturi li japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni ma għandux jinħarġilhom ċertifikat.

6. In-nuqqasijiet ta' konformità maġġuri identifikati matul l-awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew tal-monitoraġġ, jew permezz ta' proċess ta' monitoraġġ intern jew ta' lmenti ta' skema ta' ċertifikazzjoni, għandhom iwasslu għas-sospensjoni immedjata taċ-ċertifikat. Meta l-operaturi ma jimplimentawx l-azzjoni ta' rimedju fi żmien 90 jum min-notifika tas-sospensjoni, iċ-ċertifikat għandu jiġi rtirat.

7. Fil-każ ta' nuqqasijiet ta' konformità minuri, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiddefinixxu l-perjodu għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju, li ma għandux jaqbeż it-12-il xahar min-notifika tagħhom.

Artikolu 8

Bidla fl-iskema ta' ċertifikazzjoni mill-operaturi jew minn gruppi ta' operaturi

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jirrikjedu li operatur jew grupp ta' operaturi jiżvelaw l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni tagħhom għaċ-ċertifikazzjoni:

(a) jekk huma jew il-predeċessur legali tagħhom attwalment ikunux qed jipparteċipaw fi skema ta' ċertifikazzjoni oħra jew ikunu pparteċipaw fi skema ta' ċertifikazzjoni oħra fl-aħħar 5 snin;

(b) ir-rapporti tal-awditjar tal-aħħar żewġ awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid fi skema ta' ċertifikazzjoni oħra, inkluża, fejn applikabbli, il-lista dettaljata tas-sejbiet mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, u kwalunkwe deċiżjoni li jissospendu jew jirtiraw iċ-ċertifikati tagħhom fl-aħħar 5 snin;

(c) jekk irtirawx minn skema ta' ċertifikazzjoni preċedenti qabel l-ewwel awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid.

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jeskludu mill-iskema l-operaturi jew il-gruppi ta' operaturi fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 ma tkunx ġiet żvelata;

(b) meta l-operaturi jew il-grupp ta' operaturi jew il-predeċessuri legali tagħhom ma jkunux għaddew mill-awditu taċ-ċertifikazzjoni taħt skema oħra;

(c) meta l-operaturi jew il-grupp ta' operaturi jew il-predeċessuri legali tagħhom ikunu rtiraw minn skema oħra qabel l-ewwel awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

3. Il-paragrafu 2, il-punt (b) ma għandux japplika meta l-awditu taċ-ċertifikazzjoni taħt skema oħra jkun seħħ aktar minn 3 snin qabel l-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni jew jekk sadanittant l-iskema l-oħra tkun waqqfet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha, u dak waqqaf lill-operatur jew lill-grupp ta' operaturi milli jerġgħu japplikaw għall-iskema. F'dak il-każ, l-ambitu tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni għandu jiġi aġġustat biex ikopri l-kwistjonijiet rilevanti kollha u għandu jiffoka fuq in-nuqqasijiet identifikati fl-awditu taċ-ċertifikazzjoni li l-operaturi jew il-grupp ta' operaturi jew il-predeċessuri legali tagħhom ma jkunux għaddew minnhom fl-iskema l-oħra.

4. Il-paragrafu 2, il-punt (c) ma għandux japplika meta l-operatur jew il-grupp ta' operaturi jagħtu prova li kellhom raġuni valida li tipprovdi li l-irtirar minn skema oħra kien inevitabbli jew meħtieġ. Dak l-irtirar ma għandux ikun ikkawżat minn xi nuqqas ta' konformità kritiku jew maġġuri jew negliġenza mill-operatur biex jimplimenta r-rekwiżiti tal-iskema ta' ċertifikazzjoni.

5. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżguraw skambju effiċjenti u f'waqtu bejniethom tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 9

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni u kontenut minimu tar-rapport annwali tat-tħaddim tagħhom

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jagħmlu disponibbli pubblikament u liberament fuq is-sit web tagħhom mill-inqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru tal-Unjoni.

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jelenkaw fir-reġistri tagħhom dawk l-operaturi b'ċertifikat irtirat, b'ċertifikat itterminat jew b'ċertifikat skadut, għal mill-inqas 36 xahar wara d-data tal-irtirar, tat-terminazzjoni jew tal-iskadenza taċ-ċertifikat. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jagħmlu pubblika mingħajr dewmien kwalunkwe bidla fl-istatus ta' ċertifikazzjoni tal-operaturi.

3. Ir-rapport annwali tal-operat imsemmi fl-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/3012 għandu jkopri s-sena kalendarja preċedenti u għandu jsegwi l-istruttura u jkollu l-kontenut kif stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

TAQSIMA 2

Awditjar

Artikolu 10

Proċess tal-awditjar u livelli ta' assigurazzjoni

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jirrikjedu li l-operaturi jew il-gruppi ta' operaturi jgħaddu b'suċċess minn awditu ta' ċertifikazzjoni mwettaq minn korp ta' ċertifikazzjoni magħżul minn lista ta' korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura mill-iskema ta' ċertifikazzjoni, qabel ma jitħallew jipparteċipaw fl-iskema. Tali awditu għandu dejjem isir fuq il-post u għandu bħala minimu jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli tal-effettività tal-proċessi interni tiegħu.

2. L-operaturi jew il-gruppi ta' operaturi ċċertifikati għandhom ikunu soġġetti għal awditi regolari taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u tal-monitoraġġ, li l-frekwenza tagħhom hija stabbilita fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti, adottati skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/3012. L-awditu taċ-ċertifikazzjoni u l-ewwel awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jistgħu jsiru fl-istess ħin, fuq talba mill-operaturi. Fil-każ ta' awditi ta' grupp, l-awditi jistgħu jkopru kampjun tal-membri tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament. L-analizzatur tekniku tal-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun responsabbli għall-validazzjoni tar-riżultati tal-awditi.

3. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu gwida dettaljata li tistabbilixxi kif jiġu ppjanati u mwettqa l-awditi u kif jitfasslu r-rapporti tal-awditi. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżguraw li l-korpi ta' ċertifikazzjoni jwettqu l-awditi f'konformità mal-EN ISO/IEC 17021-1 flimkien mal-EN ISO/IEC 19011 jew ekwivalenti. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżguraw skambju effiċjenti u f'waqtu tal-informazzjoni dwar l-awditu bejniethom biex jappoġġaw it-tħejjija u t-twettiq effettivi tal-awditu.

4. L-awditi taċ-ċertifikazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid għandhom ikopru tal-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-attività mwettqa mill-operatur li hija rilevanti għar-regoli tal-iskema ta' ċertifikazzjoni;

(b) l-identifikazzjoni tas-sistemi ta' kontroll rilevanti tal-operatur u tal-organizzazzjoni ġenerali tiegħu fir-rigward tar-regoli tal-iskema ta' ċertifikazzjoni u l-kontrolli tal-implimentazzjoni effettiva tas-sistemi ta' kontroll rilevanti;

(c) analiżi tar-riskji li jistgħu jwasslu għal dikjarazzjoni skorretta materjali, ibbażata fuq l-għarfien professjonali tal-awditur u l-informazzjoni ppreżentata mill-operatur;

(d) pjan ta' validazzjoni jew verifika li jikkorrispondi għall-analiżi tar-riskju u l-ambitu u l-kumplessità tal-attività tal-operatur, u li jiddefinixxi l-metodi ta' kampjunar li għandhom jintużaw fir-rigward tal-attività ta' dak l-operatur;

(e) l-implimentazzjoni tal-pjan ta' validazzjoni jew verifika billi tinġabar evidenza f'konformità mal-metodi definiti ta' kampjunar, flimkien mal-evidenza addizzjonali rilevanti kollha, li fuqha se tkun ibbażata l-konklużjoni tal-awditur;

(f) talba mill-korp taċ-ċertifikazzjoni lill-operatur biex jipprovdi kwalunkwe element nieqes tar-rekords tal-awditjar, spjegazzjoni tal-varjazzjonijiet, jew ir-reviżjoni ta' talbiet jew kalkoli, qabel ma tintlaħaq konklużjoni tal-awditu finali;

(g) il-verifika tal-akkuratezza tad-data rreġistrata mill-operatur;

(h) Għall-finijiet tal-punt (c), l-analiżi tar-riskji għandha tqis il-profil tar-riskju ġenerali tal-attività, skont il-livell ta' riskju tal-operatur. L-intensità jew l-ambitu tal-awditu, jew it-tnejn li huma, għandhom jiġu adattati għal-livell tal-elementi ta' riskju ġenerali.

5. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiċċertifikaw l-operaturi jew il-gruppi ta' operaturi biss meta dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikollhom sistema ta' ġestjoni tad-dokumentazzjoni;

(b) ikollhom sistema li tista' tiġi awditjata għaż-żamma sigura u r-rieżami tal-evidenza kollha relatata mal-affermazzjonijiet li jagħmlu jew li jibbażaw fuqhom;

(c) iżommu l-evidenza kollha meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2024/3012 għal mill-inqas 5 snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ, jew għal aktar jekk mitlub mil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(d) jaċċettaw ir-responsabbiltà għat-tħejjija ta' kwalunkwe informazzjoni relatata mal-awditjar ta' tali evidenza.

Artikolu 11

Awditjar tal-kalkoli tal-assorbiment tal-karbonju u tal-emissjonijiet mill-ħamrija

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jirrikjedu li l-operaturi jipprovdu lill-korpi ta' ċertifikazzjoni l-pjan ta' attività u l-pjan ta' monitoraġġ qabel l-awditu taċ-ċertifikazzjoni, u r-rapporti ta' monitoraġġ rilevanti qabel l-awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew l-awditi ta' monitoraġġ.

2. Għall-finijiet tal-awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, ir-rapport ta' monitoraġġ għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa relatata mal-kalkolu tal-benefiċċju nett tal-assorbiment tal-karbonju jew tal-benefiċċju nett ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija, f'konformità mal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni rilevanti, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-konformità tal-attività mal-kriterji ta' responsabbiltà u sostenibbiltà, kif stabbilit fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli.

3. Għall-finijiet tal-awditi ta' monitoraġġ, ir-rapport ta' monitoraġġ għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa relatata mal-monitoraġġ tal-karbonju maħżun, u kwalunkwe każ ta' treġġigħ lura.

4. Fuq talba, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni aċċess għar-rapporti tal-awditi rispettivi u għaċ-ċertifikati ta' konformità.

Artikolu 12

Awditjar ta' grupp għall-kultivazzjoni karbonika

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippermettu awditjar ta' grupp fuq talba ta' grupp ta' operaturi għall-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) iż-żoni fejn iseħħu l-attivitajiet li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu fil-viċinanza ġeografika ta' xulxin u għandhom karatteristiċi pedoklimatiċi simili, bħall-kundizzjonijiet klimatiċi jew tal-ħamrija;

(b) għall-fini tal-kalkolu tal-assorbiment tal-karbonju u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija, l-attivitajiet għandhom proċessi u proċeduri simili;

(c) il-membri kollha tal-grupp japplikaw l-istess metodoloġija ta' ċertifikazzjoni rilevanti adottata skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(d) il-grupp ta' operaturi jkun stabbilixxa sistema għall-kontrolli interni li tinkludi sett dokumentat ta' attivitajiet u proċeduri ta' kontroll ibbażati fuq ir-riskju li f'konformità ma' dawn persuna jew korp identifikat (maniġer tal-grupp) ikun responsabbli għall-verifika tal-konformità ta' kull membru tal-grupp mal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli.

2. Grupp ta' operaturi li japplikaw għal awditu ta' grupp għandu jaħtar maniġer tal-grupp, li għandu jirrappreżenta legalment il-grupp ta' operaturi u għandu jkun responsabbli biex jiżgura li kull operatur jikkonforma mal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli.

3. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni li jwettqu l-awditjar ta' grupp jistgħu jivverifikaw l-attivitajiet kollha kkonċernati abbażi ta' kampjun ta' membri tal-grupp. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' awditjar ta' grupp, li jinkludu tal-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) ir-rwol tal-maniġer tal-grupp, inkluż fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni interna u l-proċeduri interni ta' spezzjoni tal-grupp u l-frekwenza tagħhom;

(b) id-daqs tal-kampjun tal-attivitajiet ikkonċernati, iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.

4. Kampjun li jikkonsisti minn għadd ta' membri tal-grupp ekwivalenti għall-għerq kwadrat tal-għadd totali ta' membri tal-grupp għandu jiġi awditjat individwalment bi frekwenza stabbilita fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli. Dak l-għadd għandu jiżdied fil-każ ta' livell ogħla ta' riskju.

5. Għall-awditjar ta' grupp, jekk jiġi identifikat nuqqas ta' konformità kritiku jew maġġuri f'operatur wieħed tal-kampjun inizjali ta' membri tal-grupp, għandu jiġi vverifikat kampjun addizzjonali ta' membri tal-grupp tal-istess daqs. In-nuqqas ta' konformità sistemiku tal-membri tal-grupp fil-kampjun kollu għandu jwassal għas-sospensjoni jew għall-irtirar taċ-ċertifikazzjoni tal-grupp kollu, kif applikabbli. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu kriterji għad-determinazzjoni tal-livell ġenerali ta' riskju fiż-żoni koperti mill-attivitajiet tal-grupp u l-konsegwenzi ta' dak il-livell ta' riskju għall-approċċ tal-awditjar. Il-kampjun għandu jkun rappreżentattiv tal-grupp kollu u għandu jiġi ddeterminat permezz ta' kombinament ta' riskju u għażla aleatorja. L-għażla aleatorja għandha tirrappreżenta mill-inqas 25 % tal-membri tal-kampjun u mill-inqas 25 % taż-żona totali koperta mill-attivitajiet tal-kampjun. Il-membri magħżula għall-awditu tal-grupp għandhom ivarjaw f'kull verifika, liema frekwenza hija stabbilita fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli. Nuqqas ta' konformità kritiku jew maġġuri tal-membri individwali tal-grupp identifikat matul awditu għandu jiġi indirizzat f'konformità mal-Artikolu 7, il-paragrafi 2 sa 6, kif applikabbli.

6. L-awditi tal-maniġer tal-grupp għandhom dejjem jitwettqu fuq il-post. L-awditi tal-membri tal-grupp jistgħu jkunu bbażati fuq id-dokumentazzjoni, dment li l-awditi dokumentarji jkunu jistgħu jipprovdu livell komparabbli ta' assigurazzjoni bħal dak ta' awditu fuq il-post. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiddeterminaw liema evidenza hija meħtieġa biex ikunu jistgħu jitwettqu awditi dokumentarji. L-awtodikjarazzjonijiet mill-operaturi ma għandhomx jitqiesu bħala evidenza suffiċjenti.

TAQSIMA 3

Korpi ta' ċertifikazzjoni

Artikolu 13

Ħatra tal-korpi ta' ċertifikazzjoni

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżguraw li l-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura biex iwettqu attivitajiet ta' awditjar, inklużi awditi taċ-ċertifikazzjoni (validazzjoni), u awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u tal-monitoraġġ (verifika), jikkonformaw mar-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 2, 3 u 4 fil-każ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti minn awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2024/3012.

2. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati f'konformità mal-EN ISO/IEC 17065. Meta korp ta' ċertifikazzjoni jwettaq attivitajiet ta' verifika, jew permezz tar-riżorsi interni tiegħu jew permezz ta' riżorsi oħra taħt il-kontroll dirett tiegħu, dan għandu jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-EN ISO/IEC 17029 u l-EN ISO 14065 ukoll. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jużaw biss riżorsi oħra għall-awditi li jkollhom l-għarfien, l-esperjenza, il-ħiliet u l-kapaċità meħtieġa biex iwettqu b'mod effettiv l-attivitajiet ta' awditjar kollha meħtieġa, inklużi l-validazzjoni u l-verifika.

3. L-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni għandha titwettaq minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u għandha tkopri l-ambitu speċifiku taċ-ċertifikazzjoni tal-iskemi f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/3012. Meta jkun qed jivvaluta l-kwalifiki ta' korp ta' ċertifikazzjoni għall-fini tal-paragrafu 2, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jqis kwalunkwe akkreditazzjoni miksuba qabel għall-grupp ta' attività rilevanti f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/996 ([4]) jew mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 ([5]), għaċ-ċertifikazzjoni tal-kultivazzjoni karbonika, jew tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, rispettivament.

4. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jagħżlu u jaħtru it-tim tal-awditu f'konformità mal-EN ISO/IEC 17021-1 flimkien mal-EN ISO/IEC 19011, filwaqt li titqies il-kompetenza meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-awditu. It-tim tal-awditu għandu jkollu l-għarfien, l-esperjenza, il-ħiliet u l-kapaċità meħtieġa biex iwettaq l-awditu b'mod effettiv. Meta jkun hemm awditur wieħed biss, l-awditur għandu jkollu wkoll l-għarfien, il-ħiliet, l-esperjenza, it-taħriġ u l-kapaċità meħtieġa biex iwettaq id-dmirijiet ta' kap tat-tim tal-awditu applikabbli għal dak l-awditu.

([3]) Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/996 tal-14 ta' Ġunju 2022 dwar ir-regoli biex jiġu verifikati l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-kriterji ta' riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 168, 27.6.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/996/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).

5. L-awdituri magħżula mill-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu indipendenti mill-attività li tkun qed tiġi awditjata;

(b) ikunu ħielsa minn kunflitt ta' interess, pereżempju li ma jkunux involuti f'konsulenza mal-istess operatur matul l-aħħar 3 snin qabel l-awditu;

(c) ikollhom l-għarfien, l-esperjenza, il-ħiliet u l-kapaċità meħtieġa biex iwettqu b'mod effettiv l-awditu relatat mal-ambitu tal-iskema ta' ċertifikazzjoni, inklużi:

(1) minimu ta' sentejn esperjenza fil-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja, jew livell rilevanti ppruvat ta' kapaċità;

(2) esperjenza speċifika fl-awditjar tal-kalkoli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni rilevanti;

(3) skont it-tipi speċifiċi ta' attività awditjata, esperjenza addizzjonali kif rilevanti fl-oqsma tal-agrikoltura, l-agronomija, l-ekoloġija, il-forestrija, ix-xjenza naturali, is-silvikultura, l-inġinerija, il-materjali tal-bini u l-karbonju inkorporat, il-ġestjoni tal-enerġija jew qasam relatat;

(4) meta l-ambitu tal-awditu jkun jinkludi l-verifika tal-livelli tal-karbonju organiku fil-ħamrija, għarfien tekniku dwar ix-xjenza tal-ħamrija;

(d) għall-awditjar ta' grupp, dawn għandu jkollhom esperjenza fit-twettiq ta' awditi ta' grupp.

6. Is-sistema ta' governanza tal-korp ta' ċertifikazzjoni għandha tiżgura l-ogħla livell possibbli ta' indipendenza tal-ġudizzju tal-awdituri billi tapplika l-prinċipji tar-rotazzjoni tal-awdituri jew l-aħjar prattiki eżistenti oħra fil-qasam.

7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni li ma jkunux għadhom intitolati jwettqu awditjar taħt skema ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu elenkati għal mill-anqas 24 xahar fuq is-sit web tal-iskema wara l-aħħar awditu b'indikazzjoni f'dak is-sens.

Artikolu 14

Taħriġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu korsijiet ta' taħriġ robusti għall-awdituri tal-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura mill-iskema, li jkopru l-aspetti kollha rilevanti għall-ambitu tal-iskema. Il-korsijiet għandhom jinkludu eżami biex tintwera l-konformità tal-parteċipanti mar-rekwiżiti ta' taħriġ fil-qasam tekniku jew fl-oqsma li fihom ikunu attivi. L-awdituri għandhom jipparteċipaw fil-korsijiet ta' taħriġ, qabel ma jwettqu awditi f'isem l-iskema ta' ċertifikazzjoni.

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jimplimentaw sistema biex jimmonitorjaw l-istatus tat-taħriġ tal-awdituri u jiżguraw li l-awdituri jwettqu taħriġ fuq bażi regolari. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jipprovdu wkoll il-gwida meħtieġa lill-korpi ta' ċertifikazzjoni dwar aspetti li huma rilevanti għall-proċess ta' ċertifikazzjoni, inklużi aġġornamenti dwar il-qafas regolatorju jew sejbiet rilevanti mill-proċess ta' monitoraġġ intern tal-iskema ta' ċertifikazzjoni.

Artikolu 15

Superviżjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jirrikjedu li l-korpi ta' ċertifikazzjoni li jwettqu awditi bħala parti mill-iskema, jikkooperaw mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, inkluż l-għoti ta' aċċess għall-bini tal-operaturi fejn mitlub kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2024/3012. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom:

(a) jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri biex jissorveljaw l-operat tal-korpi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(b) jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni biex jikkonformaw mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2024/3012;

(c) jivverifikaw l-akkuratezza tal-informazzjoni mdaħħla fir-reġistru taċ-ċertifikazzjoni rilevanti u fir-Reġistru tal-Unjoni skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/3012.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw is-superviżjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni lill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

3. Fil-kuntest tas-superviżjoni prevista fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) 2024/3012, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri li jippermettu lill-korpi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti minn awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2024/3012, irrispettivament minn jekk l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikunx jinsab fl-Istat Membru tagħhom, jirreġistraw għas-superviżjoni, u biex iwettqu s-superviżjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni u jaqsmu l-aħjar prattiki dwar kif jissorveljaw l-operat tal-korpi ta' ċertifikazzjoni fil-kuntest ta' qafas ta' kooperazzjoni formali. Meta l-korpi ta' ċertifikazzjoni jwettqu ċ-ċertifikazzjoni ta' attivitajiet relatati mal-assorbiment tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika, u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu qafas komuni għas-superviżjoni ta' tali korpi ta' ċertifikazzjoni, inkluża l-ħatra ta' Stat Membru wieħed bħala superviżur ewlieni tal-awditu.

5. Is-superviżur ewlieni tal-awditu għandu jkun responsabbli, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati, għall-konsolidazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra dwar l-eżitu tas-superviżjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.

6. Meta Stat Membru jkollu dubji raġonevoli dwar il-kapaċità ta' korp ta' ċertifikazzjoni speċifiku li jwettaq ix-xogħol ta' awditu tiegħu, huwa għandu jaqsam dik l-informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra, mal-Kummissjoni u mal-iskema ta' ċertifikazzjoni li taħtha jopera l-korp ta' ċertifikazzjoni. L-iskema ta' ċertifikazzjoni kkonċernata għandha tinvestiga l-każ minnufih. Mat-tlestija tal-investigazzjoni tagħha, l-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-investigazzjoni u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.

7. L-operaturi u l-korpi ta' ċertifikazzjoni li jonqsu jew li ma jkunux iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom jiġu esklużi rispettivament milli jipparteċipaw fl-awditi u jwettquhom f'isem l-iskemi ta' ċertifikazzjoni.

KAPITOLU III

REĠISTRI TA' ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 16

Reġistri ta' ċertifikazzjoni

1. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżguraw li r-reġistri ta' ċertifikazzjoni tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jirreġistraw u jsegwu l-identità tal-operaturi ċċertifikati u ċ-ċertifikati ta' konformità rilevanti;

(b) jipprevjenu r-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe attività li hija rreġistrata taħt skema oħra ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jew tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija;

(c) jipprevjenu l-ħruġ ta' unitajiet iċċertifikati għal attività partikolari u perjodu ta' ċertifikazzjoni partikolari fejn skema ta' ċertifikazzjoni oħra tkun ħarġet unitajiet ċertifikati għall-istess attività u għall-istess perjodu ta' ċertifikazzjoni u ma tkunx ħassret dawk l-unitajiet iċċertifikati;

(d) jipprevjenu li l-unitajiet iċċertifikati jiġu kontabbilizzati minn benefiċjarju (irtirat) jew f'ismu jew imħassra b'mod definittiv minn reġistru mingħajr kontabbiltà (ikkanċellat) ladarba jkunu diġà ġew irtirati jew ikkanċellati;

(e) jirrikjedu l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju msemmi fil-punt (d) u l-iskop li għalih l-unità ġiet irtirata jew ikkanċellata;

(f) jindirizzaw il-ħruġ żbaljat jew frawdolenti ta' unitajiet iċċertifikati permezz ta' miżuri ta' rimedju;

(g) il-miżuri ta' rimedju msemmija fil-punt (f) għandhom tal-anqas jinkludu s-sospensjoni tal-kont tal-operatur u, fejn rilevanti, il-kumpens sussegwenti għall-ħruġ eċċessiv ta' unitajiet iċċertifikati. Tali kumpens għandu jingħata jew permezz tal-kanċellazzjoni mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-għadd korrispondenti ta' unitajiet ċertifikati maħruġa fil-kont tal-operatur, jew permezz tas-sostituzzjoni mill-operatur ta' għadd ekwivalenti ta' unitajiet iċċertifikati, segwita mill-kanċellazzjoni immedjata tagħhom.

2. Is-sistema tas-sigurtà tal-IT li tirfed ir-reġistri taċ-ċertifikazzjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-legalità, tar-trasparenza, tal-proporzjonalità u tar-responsabbiltà;

(b) titqies matul il-proċess kollu tal-iżvilupp taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema;

(c) tiżgura l-livelli xierqa ta' awtentiċità, disponibbiltà, kunfidenzjalità, integrità, nonripudju, protezzjoni tad-data personali u segretezza professjonali;

(d) tkun ibbażata fuq proċess ta' ġestjoni tar-riskju;

(e) tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-utenti differenti;

(f) telenka r-rekwiżiti ta' sigurtà u d-dipendenzi tas-sistema ta' kwalunkwe sistema tal-IT jew servizz tal-IT ieħor;

(g) tinġabar fil-qosor fi pjan għas-sigurtà tal-IT u fi pjan ta' implimentazzjoni għas-sigurtà tal-IT;

(h) ikollha pjan ta' implimentazzjoni għas-sigurtà tal-IT li jiddefinixxi l-proġetti u l-proċessi meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji għal livell xieraq u b'kost proporzjonat, u tkun konformi ma' standard ta' sigurtà tal-IT rikonoxxut sew.

KAPITOLU IV

RIKONOXXIMENT TAL-ISKEMI TA' ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 17

Rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni

1. Huma biss l-iskemi ta' ċertifikazzjoni li jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/3012, il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament li għandhom ikunu eliġibbli għar-rikonoxximent mill-Kummissjoni.

2. Skema ta' ċertifikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni tagħha għar-rikonoxximent:

(a) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt;

(b) ħarsa ġenerali lejn l-ambitu u l-attivitajiet maħsuba tal-iskema ta' ċertifikazzjoni;

(c) ir-referenza għall-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni jew għall-metodoloġiji li għalihom l-iskema ta' ċertifikazzjoni qed tapplika għar-rikonoxximent;

(d) ir-regoli u l-proċeduri li juru l-konformità mal-metodoloġija jew mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti li għalihom l-iskema qed tapplika għar-rikonoxximent;

(e) ir-regoli u l-proċeduri li juru l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. L-applikazzjonijiet kompluti biss għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha titlob aktar informazzjoni mill-iskema ta' ċertifikazzjoni rilevanti. Is-sejbiet tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati f'rapport ta' valutazzjoni teknika.

4. Bħala parti mill-valutazzjoni ġenerali tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll, wara li tikkonsulta l-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni, jekk ir-regoli u l-protokolli tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni humiex xierqa għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(2) ta' dan ir-Regolament. Il-konklużjoni ta' din il-valutazzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni teknika, imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-validità tad-deċiżjoni ta' rikonoxximent adottata skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament 2024/3012, fuq talba mill-iskema ta' ċertifikazzjoni.

6. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe modifika sostanzjali tal-iskema li tista' taffettwa l-eżitu tal-valutazzjoni li tirfed id-deċiżjoni ta' rikonoxximent. Il-modifiki sostanzjali għandhom jinkludu, iżda ma għandhomx ikunu limitati għal, dawn li ġejjin:

(a) modifiki tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni rilevanti koperti mill-iskema ta' ċertifikazzjoni;

(b) estensjoni tal-ambitu tal-iskema ta' ċertifikazzjoni lil hinn minn dak li huwa deskritt fid-deċiżjoni ta' rikonoxximent;

(c) modifiki meta mqabbla mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell standard għall-pjan ta' attività msemmi fl-Artikolu 3

Pjan ta' attività għandu jinkludi mill-inqas it-taqsimiet li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-attività, inkluża d-deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin:
   (a) l-eliġibbiltà għaċ-ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/3012;
   (b) is-sjieda legali u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-operatur;
   (c) il-konfini ġeoreferenzjati tal-attività, inklużi, jekk applikabbli, il-kodiċijiet mis-sistema integrata nazzjonali ta' amministrazzjoni u kontroll (IACS, integrated administration and control system) u mis-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS, land parcel identification system) skont ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);
   (d) it-teknoloġiji, il-prattiki u l-proċessi applikati;
   (e) id-data tal-bidu tal-attività;
   (f) l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 8(1).
2. Deskrizzjoni tal-applikazzjoni tal-metodoloġija jew tal-metodoloġiji taċ-ċertifikazzjoni, inklużi subtaqsimiet separati dwar:
   (a) il-kwantifikazzjoni, inkluż il-kalkolu tal-linja bażi tal-attività, jekk applikabbli;
   (b) l-addizzjonalità, inklużi s-sorsi ta' finanzjament;
   (c) il-ħżin fit-tul;
   (d) is-sostenibbiltà.
3. L-assorbimenti totali mistennija tal-karbonju, l-emissjonijiet totali tal-ħamrija u l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra assoċjati mal-attività.
4. Il-benefiċċju mistenni tal-assorbiment nett tal-karbonju jew il-benefiċċju mistenni tat-tnaqqis nett tal-emissjonijiet tal-ħamrija ġġenerat mill-attività.
5. Fil-każ ta' grupp ta' operaturi, deskrizzjoni ta' kif is-servizzi ta' konsulenza jiġu pprovduti lill-operaturi.
6. Fil-każ ta' grupp ta' operaturi li jimplimentaw attività ta' kultivazzjoni karbonika f'art agrikola, deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern stabbilita mill-grupp ta' operaturi f'konformità mal-Artikolu 12(1), il-punt (d).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

ANNESS II

Mudell standard għall-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 3

Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jinkludi mill-inqas t-taqsimiet li ġejjin:

1. Id-data u l-parametri li għandhom jiġu mmonitorjati.
2. Il-frekwenza ta' monitoraġġ.
3. Is-sorsi u l-bjar ta' emissjoni.
4. Is-sors tad-data.
5. Il-metodi u l-proċeduri ta' kejl, inklużi dettalji dwar l-akkuratezza u l-kalibrazzjoni.
6. Il-valutazzjoni tal-kwalità jew il-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità.
7. Ir-responsabbiltà għall-ġbir u għall-arkivjar.

ANNESS III

Kontenut minimu tar-rapporti tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni u tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 3

1. Sommarju tar-rapport tal-awditu.

2. Informazzjoni dwar l-operatur:
   (a) informazzjoni ta' kuntatt (isem u indirizz); għaċ-ċertifikazzjoni tal-grupp, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-maniġer tal-grupp (l-isem u l-indirizz) u l-lista tal-attivitajiet ta' kultivazzjoni karbonika f'art agrikola fl-ambitu taċ-ċertifikazzjoni (l-isem u l-indirizz tal-operaturi tal-attività);
   (b) il-postijiet ġeografiċi tal-attività jew tal-attivitajiet, inklużi l-koordinati tal-lonġitudni u l-latitudni;
   (c) l-ambitu taċ-ċertifikazzjoni u l-metodoloġija taċ-ċertifikazzjoni rilevanti applikata (inkluża r-referenza legali);
   (d) in-numru ta' referenza tal-pjan ta' attività u tal-pjan ta' monitoraġġ.

3. Informazzjoni dwar l-attività:
   (a) l-ammont mistenni (għall-awditu taċ-ċertifikazzjoni), ivverifikat (għall-awditu taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid) tal-benefiċċju tal-assorbiment nett permanenti tal-karbonju, il-benefiċċju tal-assorbiment temporanju nett tal-karbonju jew il-benefiċċju tat-tnaqqis nett tal-emissjonijiet tal-ħamrija li jirriżulta mill-attività;
   (b) il-kobenefiċċji tas-sostenibbiltà assoċjati mal-attività.

4. Informazzjoni dwar il-korp ta' ċertifikazzjoni:
   (a) l-informazzjoni ta' kuntatt (l-isem u l-indirizz) u l-logo;
   (b) il-kompożizzjoni tat-tim tal-awditjar;
   (c) il-korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni u l-ambitu u d-data tal-akkreditazzjoni, jew l-awtorità nazzjonali tar-rikonoxximent u l-ambitu u d-data tar-rikonoxximent.

5. Informazzjoni dwar il-proċess tal-awditjar:
   (a) data tal-awditu;
   (b) l-itinerarju u d-durata tal-awditu (maqsuma skont id-durata mqatta' fuq il-post u mill-bogħod, fejn rilevanti);
   (c) l-istandards tal-iskema awditjati/iċċertifikati (inkluż in-numru tal-verżjoni);
   (d) is-siti awditjati;
   (e) il-metodu tal-awditjar (il-valutazzjoni tar-riskju u l-bażi tal-kampjunar, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati);
   (f) iċ-ċertifikazzjoni ta' skemi jew ta' standards ta' ċertifikazzjoni oħrajn;
   (g) it-tip ta' data dwar il-gassijiet serra.

6. Informazzjoni dwar ir-riżultati tal-awditjar:
   (a) in-numru jew il-kodiċi (uniċi) taċ-ċertifikat;
   (b) il-post u d-data tal-ħruġ tar-rapport tal-awditu;
   (c) wieħed mill-eżiti tal-awditu li ġejjin:
      (1) id-dati ta' validità minn/sa taċ-ċertifikat (u d-data ċċertifikata, jekk applikabbli);
      (2) lista ta' nuqqasijiet ta' konformità identifikati bi skeda ta' żmien applikabbli għar-rimedju tagħhom;
   (d) it-timbru u/jew il-firma tal-parti emittenti.

ANNESS IV

Informazzjoni minima li għandha tiġi ppubblikata mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni fuq is-sit web tagħhom kif previst fl-Artikolu 9

1. Informazzjoni ta' kuntatt tal-iskema, inkluż l-indirizz u l-indirizz tal-posta elettronika.

2. L-aħħar verżjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' governanza tal-iskema, inklużi r-rwoli tal-korpi rilevanti kollha, id-dettalji dwar l-istruttura tas-sjieda, il-kompożizzjoni u l-esperjenza tal-Bord tad-Diretturi, tas-Segretarjat u tal-Kumitat Tekniku, jew ekwivalenti, il-lista tal-parteċipanti fl-iskema, il-proċeduri tal-ilmenti u tal-appell, u l-linji gwida għall-awditi. Ir-regoli u d-dokumenti ta' proċeduri għandhom jinkludu data u numru tal-verżjoni u, fejn applikabbli, jiġbru fil-qosor kwalunkwe bidla li tkun saret meta mqabbla mal-verżjoni preċedenti tad-dokument.

3. Regoli sottostanti għall-kalkolu tat-tariffi għall-parteċipazzjoni fl-iskema taċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/3012.

4. Rapport annwali dwar l-operazzjoni.

5. Link tal-web għar-reġistru taċ-ċertifikazzjoni.

6. Link tal-web għall-paġna web li tiddeskrivi l-proċeduri tas-sottomissjoni tal-ilmenti u tal-valutazzjoni, inklużi l-proċeduri tal-appell.

7. Azzjonijiet possibbli meħuda mill-iskema ta' ċertifikazzjoni bħala riżultat ta' lment.

ANNESS V

Informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fir-rapport annwali dwar l-operazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 9

1. Evidenza ta' konformità mal-Artikolu 9(1).

2. L-adozzjoni mis-suq tal-iskema, l-għadd u t-tip ta' attivitajiet iċċertifikati (ikkategorizzati skont il-metodoloġija applikabbli), l-ammont, it-tip u l-istatus tal-unitajiet iċċertifikati ġestiti mill-iskema, inkluż pereżempju jekk humiex maħruġa, irtirati, skaduti, ikkanċellati jew allokati għal buffer, l-użu aħħari tal-unitajiet iċċertifikati u t-tipi ta' entitajiet li jużaw l-unitajiet iċċertifikati.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa mill-iskema taċ-ċertifikazzjoni f'kooperazzjoni mal-korpi taċ-ċertifikazzjoni sabiex jittejjeb il-proċess ġenerali taċ-ċertifikazzjoni u l-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri, inkluża lista ta' workshops tekniċi jew tipi oħra ta' attivitajiet li jiffaċilitaw l-iskambju tal-esperjenza, l-għarfien u l-aħjar prattiki fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-metodoloġiji taċ-ċertifikazzjoni applikabbli adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/3012.

4. Ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' monitoraġġ intern u r-rieżami perjodiku tagħha, inkluż dwar is-sorveljanza tal-ħidma tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u tal-awdituri tagħhom. Din il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi deskrizzjoni dwar kif is-sistema tipprevjeni b'mod effettiv l-attivitajiet frawdolenti billi tiżgura s-sejba, it-trattament u s-segwitu f'waqthom ta' frodi suspettata u ta' irregolaritajiet oħrajn u, fejn xieraq, l-għadd ta' każijiet ta' frodi jew ta' irregolaritajiet identifikati.

5. Ħarsa ġenerali tal-attivitajiet dwar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi.

6. Ħarsa ġenerali tal-ilmenti riċevuti, kif ukoll, fejn rilevanti, il-miżuri ta' rimedju jew il-bidliet fis-sistema ta' governanza meħtieġa bħala parti mill-monitoraġġ intern.

7. Ħarsa ġenerali tal-każijiet identifikati ta' nuqqas ta' konformità mill-operaturi jew mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni, l-għadd u d-deskrizzjoni tal-każijiet fejn tkun ġiet identifikata frodi inkluż pjan ta' azzjoni dwar kif jista' jiġi solvut kwalunkwe lment imqajjem jew nuqqas ta' konformità identifikat.

8. Il-kriterji u l-proċess għall-ħatra tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni.